**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 102 / 2022**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Fabrizio Lambelet**

Illum 28 ta' Frar, 2023,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Fabrizio Lambelet imwieled nhar l-10 t' Awwissu, 1970, detentur tal-Karta tal-Identita 111967 A, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Nhar it-23 ta' Settembru, 2020, ghall-habta ta' bejn is-siegha u s-saghtejn ta' wara nofsinhar fi Triq Dr. Guze Miceli, Gzira, saq il-vettura bin-numru tar-Registrazzjoni BCD 283:

B′ nuqqas ta′ hsieb, bi traskuragni jew b′ nuqqas ta′ hila jew professjoni jew b′ nuqqas ta′ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkagunajt offizi ta′ natura gravi fuq il-persuna ta′ Conrad Busuttil skond kif iccertifika Dr. James Sammut MD, mill-Isptar Mater Dei.

1. B′ manjiera traskurata.

2. U talli saq l-imsemmija vettura b′ manjiera perikoluza.

3. U aktar bhala sid jew xufier tal-imsemmija vettura bil-mutur naqas li jara li jkollu dejjem u f′ kull zmien licenzja ta′ cirkolazzjoni mahruga mill-Awtorita′ ghat-Trasport f′ Malta.

4. U talli saq bl-istess vettura minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita ghat-Trasport f′ Malta biex tintuza fit-triq.

5. U b′ nuqqas ta′ hsieb u bi traskuragni jew b′ nuqqas ta′ hila fl-arti jew professjoni jew b′ nuqqas ta′ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habit ma vettura numru SWM 085 w involontarjament ikkaguna hsarat ghad-dannu ta′ Nicholas Farrugia.

6. U b′ nuqqas ta′ hsieb u bi traskuragni jew b′ nuqqas ta′ hila fl-arti jew professjoni jew b′ nuqqas ta′ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habit ma vettura ACE 508 w involontarjament ikkaguna hsarat ghad-dannu ta′ Justin Bianchi.

7. U b′ nuqqas ta′ hsieb u bi traskuragni jew b′ nuqqas ta′ hila fl-arti jew professjoni jew b′ nuqqas ta′ ta′ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat ma vettura numru EBL 778 w involontarjament ikkaguna hsarat ghad-dannu ta′ Andrew Gerada.

**Il-Prosekuzzjoni talbet li l-Imputat jiġi skwalifikat/a mill-liċenzja kollha tiegħu tas-sewqan u talbet lil din l-Onorabbli Qorti biex f'każ ta' ħtija minbarra tinfliġġi**

**il-piena skond il-Liġi, tnaqqas il-punti mill liċenzja tas-sewqan hekk kif stabbilit mill-L.S 65.18 Art 36B u fil-L.S 65.18 Sitt Skeda.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ta' nhar it-23 ta' Frar, 2022, fejn il-Qorti ghal dawn il-motivi, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi b'mod partikolari l-Artikoli tal-Ligi, b' mod partikolari l-Artikoli 15 (1) (a) (2) u tal-Kapitolu 65, L.S. 65.11, Artikolu 75 u l-Artikolu 226 (d) tal-Kapitolu 9, sabet lill-imputat Fabrizio Lambelet hati tal-Ewwel (1), it-tielet (3), ir-raba' (4), hames (5) is-sitt (6) u s-seba' (7) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu ghal multa ta' hames mitt Euro (€500). Il-Qorti ordnat li l-imputat jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal zmien xahar u tliet (3) punti mnaqqqsa skont il-Ligi.

Rat ir-rikors tal-appellanti Fabrizio Lambelet minnu pprezentat fil-11 ta' Marzu, 2022, fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tħassar, tirrevoka u tannulla is-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif preseduta mill-Magistrat Yana Micallef Stafrace nhar il-23 ta' Frar 2022, ghar-ragunijiet kollha premessi u konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull ħtija u tirrevoka l-piena hemm inflitta u fl-aghar ipotezi ta' konferma tal-istess sentenza, taghti piena aktar miti u idonea fic-cirkostanzi filwaqt illi tikkonferma dik i-parti tas-sentenza fejn ma sabitx l-imputat hati.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-esponenti huma cari u manisfesti u jikkonsistu fis-segwenti:

**L-Ewwel aggravju**

Illi l-esponent gie rinfaccjat b'zewg sentenzi li wahda minnhom inghatat seduta stante fit-23 ta' Frar 2022 u ohra li waslet ghand l-Avukat tal-appellant granet wara, liema sentenzi mhumiex l-istess.

L-aggravju hu car u manifest billi z-zewg sentenzi mhumiex l-istess kemm fir-rigward tal-akkuzi kif ukoll ghall-artikoli tal-Ligi kkwotati fiz-zewg sentenzi.

Illi fit-tieni sentenza hemm zewg akkuzi mmarkati bin-numru (1). Fit-tieni sentenza hemm l-Ewwel akkuza li:

1. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkagunajt offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Conrad Busuttil skond kif icccertifika Dr James Sammut M.D. mill-Isptar Mater Dei.

Din l-akkuza ma kinitx fl-akkuza originali. Imbaghad hemm akkuza ohra ukoll bin-numru (1) li saq b'manjiera traskurata.

Inoltre fit-tieni sentenza l-esponent insab hati taht:

L-Artikoli tal-Ligi b'mod partikolari l-Artikoli 15 (1) (a) (2) u tal-Kapitolu 65, L.S. 65.11 Artikolu 75 u l-Artikolu 226 (d) tal-Kapitolu 9. Artikoli godda gew mizjuda ma l-akkuza originali u ma l-Ewwel sentenza. Fl-Ewwel sentenza hu nstab hati ta' l-artikoli:

Kap 65 Art 15 (1) (a) (2), 1.s. 368.02 Art. 14 (3) u Kap Art 328 (d).

It-tieni sentenza tikkwota artikoli differenti u sahansitra tikkwota l-Artikolu 226(d) li lanqas jezisti fil-Kodici Kriminali.

Barra minn hekk, fejn hemm referenza ghax-xhieda ta' Stephen Cachia (rapprezentant Transport Malta), eventwalment il-Qorti tghid li se tinstab htija dwar ir-raba' u l-hames imputazzjoni meta dwar il-licenzja kien hemm bis sir-raba' imputazzjoni.

Illi z-zewg sentenza huma konfliggenti u ghalhekk dawn ghandhom jigu dikjarati nulli u l-esponent jigi liberat mill-akkuzi dedotti kontra tieghu.

Abbazi tal-Art 382 tal-Kap 9 tlieta huma r-rekwiziti ad validitatem sabiex sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali ma tkunx nulla: a) ghandhom jinghataw il-fatti li fuqhom tinstab htija; b) ghandha tinghata l-piena; u c) ghandhom jirrizultaw id-disposizzjonijiet tal-ligi li abbazi taghhom tkun instabet il-htija u tkun inghatat il-piena. Dawn huma kumulattiva u jekk jonqos wiehed, awtomatikament ikun hemm in-nullita` tas-sentenza appellata.

F'dan il-kaz l-artikoli tal-ligi imsemmija fl-akkuza, fl-Ewwel sentenza u fit-tieni sentenza huma konfliggenti u ghalhekk ma gewx segwiti d-dettami tal-Artikolu 382

tal-Kap 9 u ma jistax l-appellant jigi rinfaccat b'zewg sentenzi fil-konfront tieghu, li ghalhekk iwasslu ghan-nullita' tal-istess.

Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali l-Pulizija vs Albert Bezzina 25.07.1994 intqal:

"Dak li trid il-ligi hu dak li jghid il-Magistrat meta jaghti s-sentenza jigi registrat u riprodott fil-kopja tas-sentenza. Dak illi hemm fuq il-komparixxi huma l-appunti tal-Magistrat, mhux is-sentenza. ........."

Mhux l-Ewwel darba li s-sentenza ma tinkitibx fuq ic-citazzjoni, specjalment meta l-Qorti tkun tirrikjedi aktar ħsieb jew ma tinkitibx dak in-nhar stess tal-udjenza u **l-każ ikun iddefirit għal data oħra għas-sentenza**. [Pul vs Negasi 22/2/19].

Illi ghalkemm dana l-kaz kien wiehed sommarju, dan kien kaz fejn l-akkuzat spicca garrab feriti gravi u anki jum wara spicca fil-periklu tal-mewt. Bid-dovut rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, kien hemm nuqqasijiet procedurali li ppregudikaw id-difiza tal-istess appellant. Il-Magistrat donnu hadmet fuq is-sistema Taljana fejn iddecidiet sommarjament u imbaghad ghaddiet biex taghti motivazzjoni aktar dettaljata taghha wara fit-tieni sentenza. Din mhijiex is-sistema segwita Malta imma jekk il-kawza kienet ta' certa portata u tirrikjedi aktar riflessjoni l-kawza kelha tigi differita ghas-sentenza jekk ma kienx possibili li tinghata dak il-hin.

Ghalhekk din/dawn is-sentenza/i ghar-ragunijiet premessi ghanda/hom t/jigi/u dikjarata/I nulla u'jew annullata/i.

**It-Tieni Aggravju**

Permezz tat-tieni aggravju l-appellant jikkontendi illi dawk l-atti u/jew dokumenti kollha li gew pprezentati bil-Malti minghajr traduzzjoni fil-lingwa Ingliza kellhom ma jitqiesux mill-Ewwel Onorabbli Qorti u ma jaghmlux stat fil-konfront tal-appellant, haga li l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha l-obbligu li taghmel imma naqqset illi taghmlu. Kieku dan sar l-appellant kien jikkontendi li ma kienitx tinstab htija fil-konfront tieghu.

**It-Tielet aggravju**

It-tielet aggravju jirrigwarda l-procedura adottata mill-Magistrat li riedet taqta' l-kawza f'seduta wahda bla ma halliet lill-esponent iressaq il-provi tieghu (kemm viva voce u dokumentarji) ghalkemm prova jaghmel dan.

**Ritratti**

Illi l-esponent kien ipprova jressaq dokumenti (ritratti) li jindikaw kif u f'liema parti tat-triq spiccaw il-vetturi, u t-talba tieghu kienet giet michuda mill-Qorti ghar-raguni li dawn ir-ritratti ma ttiehdux minnu. Illi jirrizulta li dawn ir-ritratti huwa ta' public knowledge u dehru anke fuq it-televizjoni. Dawn ittiehdu minn sit elettroniku tal-ahbarijiet u setghu jaghtu aktar dawl ta' dak illi gara. Fl-ahhar mill-ahhar is-sejbien tal-verita' f'incident serju bhal dan (li minkejja griehi gravi) ma saritx inkjesta fih, huwa punt imprexxendibbli sabiex issir gustizzja u anki jghin lill-istess gudikant jasal ghal sejbien o meno ta' htija b'aktar informazzjoni sabiex ikun hemm serhan morali ghall-istess gudikant. Dan ir-ritratt qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok. BJV

3. Mir-ritratt stess jidher li z-zewg karozzi tat-tobba wara l-ambulanza kienu qeghdin fil-parti dritta tat-triq u ma jidhirx hsara fil-bieba tas-sewwieq Bianchi ta' certu portata li jindika li dan il-bieb kien lahaq infetah kollu li jikkorrobora l-fatt illi dan il-bieb infetah mhux kollu u dak il-hin li ghadda l-appellant.

**Tabib**

L-esponent talab biex it-tabib jixhed fuq il-feriti li garrab fl-incident u fuq il-gravita' tal-kaz. L-Ewwel Onorabbli Qorti, tant kienet diga deciza li Justin Bianchi ma kellux tort u li t-tort kien unikament tal-esponent li ghalkemm Justin Bianchi kellu akkuza li kkawza feriti gravi fuq Lambelet, l-Ewwel Onorabbli Qorti lanqas biss semghet lit-tabib jixhed fuq hekk minkejja li dan it-tabib kellu riferta posittiva. L-Ewwel Onorabbli Qorti ddikjarat illi se tiddeciedi l-kawza dakinhar. Ghalhekk kieku l-AG kellu jaghzel li jappella mil-liberazzjoni ta' Justin Bianchi kien ikollu prova importanti nieqsa.

Il-fatt li t-tabib kien notifikat u ma dehrx ma jfissirx li dak ix-xhud instemgha u/jew kontro-ezaminat. F'dan il-kaz il-feriti li garrab l-esponent kienu feriti ta' certu portata fejn mir-rapport hemm indikat illi l-esponent anki tilef hafna demm. Fic-cirkostanzi li normalment isir huwa li l-Qorti tiddifferixxi l-kawza sabiex ix-xhud li ma dehrx jidher fis-seduta li jmiss u jixhed. Fil-process minn imkien ma jidher illi kien hemm rinunzja ghal dan ix-xhud daqshekk importanti u l-ufficjal prosekutur qalet lill-Ewwel Onorabbli Qorti li r-riferta kienet posittiva. Kieku dan ma kienx il-kaz dan ma kienx se jitnizzel issa bhala parti minn dan l-aggravju.

L-Artikolu 377(1) tal-Kodiċi Kriminali meta jitkellem fuq il-procedura li ghandha tigi segwita fil-kawzi sommarji jiddisponi illi:

**'meta jingħalaq is-smigħ tal-kawża,**[1] il-qorti, dak in-nhar stess, **jekk jista' jkun,**[2] tagħti s-sentenza, billi tillibera jew tikkundanna l-imputat'.

Illi jidher mid-diċitura ta' dan l-Artikolu tal-ligi illi l-element sommarju f'dawn il-proċedura huwa marbut maz-zmien li fih il-qorti ghandha tghaddi ghall-għoti tas-sentenza (u d-dicitura tghid, jekk jista' jkun) aktar milli fuq is-smiegħ tal-kawża. Illi allura meta jkun hemm raguni valida 'il ghala xhud indispensabbli ghal kaz hu debitament innotifikat mill-Prosekuzzjoni ma jkunx jista' jattendi fid-data tas-smiegh tal-kawza, indipendentement mis-sommarjeta' tal-proċeduri, il-Qorti ghandha tiddifferixxi u thalli is-smiegh ta' dan ix-xhud ghal data ohra. Dan huwa sorrett mill-ġurisprudenza nostrana [ara Pulizija vs Peter Mifsud, deċiża fis-06/10/1998 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri)].

**Rapprezentant ta' Transport Malta – xhieda permezz ta' affidavit u nuqqas ta' opportunita` li jsir kontro-ezami**

Barra minn hekk il-Prosekuzzjoni seduta stante pprezentat l-affidavit tar-rapprezentant ta' Transport Malta u dan ma kienx prezenti fl-Awla sabiex ikun jista' jsirlu kontro-ezami (l-avukat tal-esponentkien gabar kopja tal-process) u f'tali kopja tal-process ma kienx hemm l-imsemmi affidavit li gie biss pprezentat seduta stante fit-23 ta' Frar 2022. Gjaladarba l-Ewwel Onorabbli Qorti ddikjarat li hi trid tiddeciedi l-kawza dakinhar stess (kif gja intqal minkejja r-riferta posittiva tat-tabib li ma telax). Dan l-affidavit fic-cirkostanzi kellu jigi sfilzat jew ma jitqiesx minn lewwel Onorabbli Qorti.

[1] Emfazi mizjud mill-esponent
[2] Idem

Skond l-Artikolu 145 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) mar-rikors tal-appell, mat-twegiba u mar-replika, ghandhom jingiebu d-dokumenti li jkunu sahhu t-talbiet tal-wiehed jew l-eccezzjonijiet tal-iehor. Illi ghalhekk l-esponent qed jezebixxi r-ritratti Dok BJV3 biex jiffurmaw parti mill-atti ta` dina l-kawza u jitlob li jixhed it-tabib u rapprezentant ta' Transport Malta li kellu jittressaq mill-Prosekuzzjoni, minghajr pregudizzju ghall-aggravji l-ohra

**Ir-Raba' aggravju**

Ir-Raba' aggravju ghandu x'jaqsam max-xhieda moghtija mill-appellant. L-appellant ibati minn speech impediment debilitanti li ghandu in segwitu ghall-incident in kwistjoni. Wara l-incident stradali mertu ta' dan l-appell u konsegwenza tal-griehi serji li garrab l-appellant, fost kumplikazzjonijiet ohra (kien anki spicca fil-perikolu tal-mewt jum wara dan l-incident, spicca bi problemi, fosthom, ma tantx jara minn ghajn wahda, spicca b'ruptured aeorta, u ghandu problemi fi spalltu) rinfaccat bi speech impediment tant serju li kellu jerga' jitghallem certu affarijiet mill-gdid (kif jista' jigi konfermat mill-ispeech therapist tieghu). Sfortunatament tali impediment gieli jaf jikkawza lill-appellant problemi sabiex jesprimi lilu nnifsu bl-ahjar mod possibbli sabiex dak li huwa jixtieq jghid jirrifletti ezattament dak illi qed jahseb. Dan, qed jigi umilment sottomess, affettwa dak illi xtaq jixhed l -appellant seduta stante u f'dan is-sens l-appellant umilment jitlob illi dina l-Onorabbli Qorti thalli l-ispeech therapist tieghu tixhed u tispjega d-diffikultajiet li l-appellant ikun rinfaccat bihom specjalment imma mhux limitatament meta l-appellant ikun that pressjoni u/jew emozzjonijiet qawwija fejn tizdied id-difffikulta' illi hu jesprimi ruhu u fic-cirkostanzi l-appellant jerga' jisntemgha.

**Il-Hames aggravju**

Il-Hames aggravju jirrigwarda l-mertu ta' dina l-habta.

L-esponent ma jaqbilx mal-konkluzzjoni u d-decizjoni milhuqa mill-Ewwel Onorabbli Qorti.

Il-provi li tressqu rilevanti ghad-dinamika tal-incident kienu in sostanza s-segwenti:

**PS 1390 Antoine Muscat** ikkostatata li l-bieba tal-vettura ta' Justin Bianchi kienet imbexqa u dan ma giex kontestat anzi korroborat minn Nicholas Farrugia wara li sehhet il-habta.

**Andrew Gerada** xehed li kien sab il-vettura danneggata imma ma kienx prezenti u ma rahx l-incident isehh.

**Justin Bianchi** l-ko-akkuzat mal-esponent ghazel li ma jixhidx quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti. A tempo vergine, dan kien qal lill-Pulizija li kien gol-karozza u hekk kif bexxaq il-bieba biex johrog minnha jara mutur gej isuq wara BMW. Dan qala` minn wara l-BMW li kien gej u baqa'diehel gol-bieba tal-karozza u habat mal-karozza l-ohra.

**Nicholas Farrugia**. Dan qal illi hu kien gej min-naha tal-pixxina nazzjonali u f'daqqa wahda gie mutur min-naha tax-xellug tal-karozza u hu resaq mal-gemb tat-triq u waqaf.

Fil-Qorti hu xehed li f'daqqa wahda jisma hoss ta' mutur gej, mar jaqla' gas down

ghadda min-naha tax-xellug. Il-mutur tah daqqa fil-gemb tieghu u rrealizza illi kien hemm bieb miftuh min-naha ta' Justin Bianchi.

Mistoqsi mill-Qorti jekk Lambelet weggax wara li dahal fih jew ma' xi haddiehor.

Wiegeb: " …ma nafx. Meta qala minn mal-gemb ma nafx x'gara izjed".

Meta hareg mill-karozza ra lill Lambelet mal-art u bieba miftuha.

Mistoqsi jekk Lambalet habat ma bieba miftuha ta' karozza.

Wiegeb: Nahseb li hekk. Ma nafx ezatt x'gara.

Il-bieba kienet tal-karozza pparkjata. Lambelet kien magemb il-bieba.

Lambelet xehed li kif wasal mal-kantuniera naqqas l-ispeed. Hu cahad li l-incident gara kif xehed Farrugia. Hu qal li kien qed isuq il-mutur, sema' l-bieba u waqa'. Kien ghaddej bi speed baxx hafna.

**Konsiderazzjonijiet ta' dritt**

Fuq sewwieq ta' karozza ipparkjata jaqghu dmirijiet partikolari dwar it-traffiku li jkun miexi fil-qrib, kemm jekk ikun hiereg bil-karozza ghal fuq il-karreggjata kif ukoll jekk ikun hiereg minnha.

Stationary vehicles should not obstruct moving vehicles. Highway Code [2]

Check before opening your door [243]

“No person shall open or cause or permit to be opened any door of a motor vehicle or trailer on a road so as to cause injury or danger to any person”. (M.V.R. 1966 U.K.)

**Konsiderazzjonijiet**

Fis-sentenza taghha l-Ewwel Onorabbli Qorti tal-Magistrati seduta stante ddecidiet il-kaz billi qalet li hi:

- strahet principament fuq ix-xhieda ta’ Nicholas Farrugia li skond il-Qorti iddeskriva il-manuvra tal-imputat b’mod preciz;
- li l-imputat ghamel surpass mhux kif suppost u b’konsegwenza t’hekk iddannegga tlett vetturi;
- li kien hemm nuqqas ta’ proper lookout ghax l-imputat qal li hu dar minghajr ma kien jaf x’ser isib wara l-liwja.

Li trid tiddeciedi dina l-Onorabbli Qorti huwa jekk l-incident garaxx ghax l-imputat ghamel sorpass fuq ix-xellug (haga li l-esponent cahad] jew ghax Bianchi fetah il-bieba ghal gharrieda u l-imputat dahal fil-bieba u l-mutur spicca fuq il-vetturi l-ohra. Il-Qorti trid tara x’kienet il-causa causans, il-vera kawza tal-incident.

L-Ewwel Qorti qalet li l-imputat ghamel sorpass mhux kif suppost u b’konsegwenza t’hekk iddannegga tlett vetturi.

Fil-fatt ma jirrizultax li l-vetturi gew danneggjati ghax l-esponent ghamel sorpass minn fuq ix-xellug imma ghax Bianchi fetah il-bieba tal-karozza fuq Lambelet (li kien ghaddej regolament fit-triq) u dan Bianchi ghamlu minghajr ma qabel accerta ruhu jekk kienux gejjin karozzi. Bianchi ma ta' ebda indikazzjoni [fil-fatt lanqas xehed quddiem il-Qorti] li qabel ipprova johrog mill-karozza ttawwal mill-mera jew mit-tieqa tal-karozza jew mera sabiex jara x'inhu gej. Fil-fatt a tempo vergine ma qalx illi ghamel hekk fl-istqarrija li ttiehdietlu mill-Pulizija. Hu fetah il-bieba tal-karozza u sab il-mutur ma' wiccu. Il-bieba instabet miftuha kif ikkostatata s-Surgent li mar fuq il-post – mhux kontradett.

Farrugia xehed li hu induna biss bil-habta meta l-mutur habat mal-karozza tieghu meta mistoqsi hekk in kontro-ezami. Ghalhekk hu ma setax jghid b'liema velocita` kien gej il-mutur u lanqas jekk dana kienx qed jissorpassa jew kienx ghaddej magembu fuq ix-xellug tat-triq. Kieku verament induna bih qabel kien jghid illi dan dar u hares lura jew rah mill-mera se jipprova jaqbzu mix-xellug. Lambelet ikkonferma li hu kien ghaddej ghad-dritt u fit-triq kien hemm spazju bizzejjed biex il-mutur jghaddi magemb il-BMW bla ma jahbat [ara skizz u kejl tal-wiesa tat-triq]. Farrugia qal li kien ghaddej bil-mod u ghalhekk mhuwiex verosimili illi Lambelet kellu ghalfejn jghaddi xi velocita' kbira biex dan jghaddi minn ma' gemb Farrugia. Lambelet ma kienx mghaggel dakinhar.

Is-sejba ta' htija li Lambelet kiser il-ligi taht LS.65:11 Art 75 [overtaking on the left] zdiedet fit-tieni sentenza u ma kinitx tidher fl-Ewwel sentenza jew akkuza.

Farrugia qal li l-mutur gie gas down, imma dana ma jirrizulta minn imkien. Fil-fatt Lambalet spicca mal-art fil-qrib hafna tal-karozza ta' Bianchi. Il-mutur spicca ma' gemb il-karozza ta' Bianchi u mhux baqa jitkaxxkar kif solitu jigri u l-istess jista'

jinghad dwar il-mutur. Farrugia xehed li hu kien ghaddej bil-mod u l-istess xehed Lambelet. Hadd ma qabez lil hadd. Ma hemmx indikazzjonijiet mod iehor. Lambalet ma nghata ebda akkuza dwar sewqan b'velocita` eccessiva.

Qabel Lambalet habat mal-vettura ta' Bianchi, hu ma kienx ghadu laqat il-BMW. Dan hu kkonfermat minn Bianchi fil-verzjoni li tah lill-Pulizija fuq il-post. Hu qal li kien gol-karozza u hekk kif bexxaq il-bieba biex johrog minnha jara mutur gej isuq wara il-BMW. Ifisser li Lambelet l-Ewwel dahal fil-karozza ta' Bianchi imbaghad dahal fil-karozzi l-ohrajn.

Anke Farrugia fix-xhieda tieghu jikkonferma dana;

Mistoqsi mill-Qorti jekk Lambelet weggax wara li dahal fih jew ma' xi haddiehor.

Wiegeb: "Ma nafx. Meta qala' minn mal-gemb ma nafx x'gara izjed". Imkien ma jghid Farrugia li Lambalet kien diga dahal fih u imbaghad dahal f'Bianchi. Hu jghd li meta hareg mill-karozza ra lill Lambelet mal-art u bieba ta' Bianchi miftuha.

**Mistoqsi jekk Lambelet habat ma bieba miftuha ta' karozza.**

**Wiegeb: Nahseb li hekk.** Ma nafx ezatt x'gara. Lambelet kien spicca magemb il-bieba tal-karozza ta' Bianchi.

Ghalhekk ghandu jirrizulta li Lambelet l-Ewwel habat mal-karozza ta' Bianchi, u

minhabba f'hekk spicca fuq iz-zewg vetturi l-ohra. Ghalhekk m'ghandux jinstab hati li kkawza hsara fuq il-vetturi imsemmijin.

Il-Qorti kkonkludiet ukoll li kien hemm nuqqas ta' proprer lookout da parti ta' Lambelet ghax qal li hu dar il-kantuniera minghajr ma kien jaf x'ser isib wara l-liwija.

Illi dan hu kontradett mall-fatt li hu jghid li hu jghaddi minn hemm mijiet ta' drabi.

Illi jigi precizat illi l-appellant Lambelet huwa persuna Taljana u wara l-incident kellu impediment fil-kliem u quddiem il-Qorti ma setax jesprimi ruhhu kif xtaq u certi kliem gie miftiehem [anke mill-Qorti] mhux kif riedu hu. Kieku hu ma kellux vizwali kieku kien jibqa' diehel fil-BMW minn wara. Izda hu fil-fatt kien rah il-BMW u kien ghaddej ma gemba. Jekk. kif gie allegat, hu kien se jissorpassa il-BMW ifisser li hu kien ra u kien qed izomm proper look-out. Ghalhekk Lambelet kellu vizwali tat-triq u kien biss meta Bianchi fetah il-bieba tal-karozza ghal gharrieda li sehh l-incident. Inoltre mir-ritratti u mill-iskizz jirrizulta li l-habta ma gratx fil-kantuniera tat-triq izda izjed il-gewwa fit-triq tant li hemm anke zewg karozzi ohra wara il-karozza ta' Bianchi. Jekk wiehed jara r-ritratt tal-Google Maps kif immarkat mill-appellant bil-biro, jidher illi fil-verita' l-incident ma sehhx mal-kantuniera jew ezatt warajha izda izjed 'il quddiem u dan jaghti hafna aktar piz illi l-appellant ma giex miftiehem b'mod tajjeb mill-Qorti meta tefghet daqshekk piz fuq il-kwistjoni ta' dak li xehed dwar il-kantuniera.

M' huwiex verosimili anqas illi dina l-bieba kienet miftuha kollha qabel ma sehh l-incident, ghaliex dan mhuwiex sorrett mill-hsarat rizultanti u mix-xhieda u rapport li jghidu li l-bieb kien imbexxaq. Jidher car u inekwivoku li dan il-bieb infetah ezattament jew sekonda qabel ma' ghadda Lambelet bil-mutur tieghu. Kieku dan il-

bieb kien gja miftuh sew dan il-bieb jew kien jinqala' jew kien jitghawweg sew oltre dighin grad jew jispicca disghin grad miftuh izda dan ma garax. Gjaladarba jidher li skont dak indikat fuq Google Maps mill-appellant, l-incident sehh aktar 'il quddiem il-kantuniera tat-triq, jirrizulta li l-kawza prossima tal-incident kien il-ftuh bla kont minn Bianchi tal-bieba tal-karozza tieghu. Jekk ghall-grazzja tal-argument (dato ma non concesso u minghajr pregudizzju ghal dak li ntqal dwar l-ispeech impediment tal-appellant) ma setghax jara wara li dar il-kantuniera in kwistjoni, dan imbaghad gie f'posizzjoni fejn iddritta l-mutur u kellu cans jara bieb jinfetah. Dan il-bieb ma rahx ghax kien ghadu ma nfetahx hlief meta ghadda minn hdejn il-karozza ta' Bianchi. Hadd f'sensieh m'hu se jidhol f'bieba miftuha berah jekk inkun ghaddej fuq mutur u jipperikola hajtu b'dak il-mod.

L-esponent ihoss li hu ma kienx responsabbili ghall-incident u ghall-hsara li garrbu l-karozzi.

Illi fis-seduta tas-7 ta' Frar 2023 l-avukat difensur tal-appellant u l-Avukat Generali ittrattaw l-Ewwel aggravju tal-appellant u cioe li s-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti tal-Magistrati (Mata) bhala Qort ta' Gudikatura Kriminali hija nulla u talbu li l din l-Onorabbli Qorti taghti sentenza prelimianri limitatament  fuq dan l-aggravju.

Ikkunsidrat,

Din il-Qorti sejra tibda billi taghmel referenza ghal dak li rikors tal-appell ghandu jkun fih. L-Artikolu 419(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

> 'Ir-rikors, barra mill-indikazzjoni komuni għall-atti ġudizzjarji, għandu jkun fih, -

(a) il-fatti fil-qosor;

(b) ir-raġunijiet tal-appell;

(c) it-talba għat-taħsir jew għat-tibdil tas-sentenza tal-Qorti Inferjuri' (Emfazi mizjuda)

Illi permezz tal-Att 1 tal-2018 li dahal fis-sehh fid-dsatax (19) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018) il-kliem "taħt piena ta' nullita'" fl-Artikolu 419(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gew imhassra. Ghalhekk peress li s-sentenza appellata giet deciza fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Frar tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022) filwaqt li r-rikors tal-appell gie prezentat fil-hdax (11) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022), it-talba kif maghmulha fir-rikors tal-appell ma ggibx in-nullita' tieghu.

In oltre, jirrizulta kjarament li t-talba fir-rikors tal-appell giet ibbazata fuq is-sentenza li nghatat kif rapportata fil-verbal tal 23 ta' Frar 2022 ( fol. 22) . Kif ikkunsidrat, dik *moghtija u moqrija fl-Awla waqt is-eduta tat-23 ta' Frar 2022* tindika li l-appellant instab hati ta' l-Ewwel, it-tielet, ir-raba, il-hames, is-sitt, u s-seba' akkuza u illiberatu mit-tieni akuza u ghalhekk taghti x'tifhem li l-appellant kien qieghed jinstab hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu salv it-tieni akkuza fejn illiberatu.

Filwaqt li dik dattilografata misjuba a fol. 61 et seq tal-process tipprovdi li l-appellant kien qieghed jinstab hati tal ta' l-Ewwel, it-tielet, ir-raba, il-hames, is-sitt, u s-seba' akkuza u ma ipprovdiet xejn dwar it-tieni akkuza.

Ikkunsidrat;

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija Vs Carmelo Cauchi'</u>**[3] gie kkunsidrat li:

[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Mejju, 2011 (Appell Kriminali Numru: 518/2010)

*'Illi l-Ewwel nett waqt is-smigħ tal-kawża rriżulta li l- appellant kien ingħata sentenza li fiha kien hemm indikat piena ta' xahrejn u mhux ta' xahar bħalma kien hemm fis-sentenza miktuba a proprio pugno mill-Qorti. Din kienet is-sentenza dattilografata (ara fol 34 tal-proëess). Tassew li waqt il-proċedura orali ma jistax jitqajjem aggravju li ma kienx imniżżel fi-rikors promotorju iżda l- Qorti l-Ewwel nett tifhem li l-appellant u l-abbli difensur tiegħu joqogħdu fuq dak li jkun lilhom mogħti sabiex jintavolaw l-appell u ma jkunx faċli l-aċċess għas-sentenza miktuba a propio pugno biex isir it-tqabbil magħha.*

*Fil-fehma tal-Qorti hawn si tratta ta' żewġ verżjonijiet tal- istess sentenza li ma jaqblux dwar il-piena. Mill-kitba ċara tas-sentenza a propio pugno jidher li l-intenzjoni tal-ġudikant kienet li jikkundanna lill-appellant għal xahar detenzjoni u din il-Qorti ser tuża din issentenza bħala bażi u mhux dik dattilografata.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spt. Elton Taliana) Vs Raymond Parnis'</u>** [4]gie kkunsidrat li:

*'Wara li l-Qorti rat l-atti tal-kawza specifikament l-appunti li kitbet il-Magistat fis-sentenza kif ukoll il-kopja ufficjali, tikkonferma illi l-raba' akkuza hija nieqsa mill-konsiderazzjonijiet lli jidhru fil-kopja ufficjali. Dan jidher illi huwa zball tat-traskrittur illi bi zvista jew ghal xi haga ohra naqas milli jipproduci ezatt dak illi kitbet il-Magistrat.*

*Jinghad mill-bidu nett li hija l-kopja ufficjali mahruga mid- Deputat Registratur illi jaghmel stat fil-konfront ta' terzi u mhux l-appunti jew is-sentenza li tkun miktuba mill- Magistrat.*

[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-4 ta' Marzu, 2011 (Appell Kriminali Numru: 470/2009)

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal- Appell Kriminali l**-Pulizija vs Albert Bezzina**[5] intqal :

*"il-Qorti tosserva illi la l-Artikolu 377(1) u lanqas l-Artikolu 382 ma jirrikjedu li s-sentenza tinkiteb mill-Magistrat; dak li trid il-ligi hu dak li jghid il-Magistrat meta jaghti s-sentenza jigi registrat u riprodott fil-kopja tas-sentenza. Dak illi hemm fuq il-komparixxi huma l-appunti tal-Magistrat, mhux is-sentenza. ........."*

*Dana stabbilit u ovvju pero' illi hemm diskrepanza bejn il- punti li kitbet il-Magistrat u s-sentenza ufficjali, liema diskrepanza hija sforz lapsus jew zball tekniku tad- Deputat Registratur.*

*Peress illi huwa dmir tal-Qorti illi ssalva kemm jista' jkun l- atti, ma thossx illi ghandha*

*tmur ghall-estrem tan-nullita' tas-sentenza, aktar u aktar meta dan l-izball jista' facilment jigi rrangat u dak li qalet il-Magistrat jista' jigi riprodtt fedelment fis-sentenza ufficjali.*

*Ghalhekk din il-Qorti tiddisponi mill-eccezzjoni tan-nullita' imqajjma mill-Avukat Generali billi tichad l-istess, izda tordna illi l-atti jintbaghtu lura lill-Ewwel Qorti halli d- Deputat Registratur johrog kopja ufficjali ohra w jirriproduci fedelment dak illi qalet il-Magistrat fis-sentenza taghha.'*

Filwaqt li fis-sentenza fl-ismijiet fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Maria Stella Attard Vs John Mary Vella**[6]' gie kkunsidrat li:

*'Issa minn ezami ta'l-atti processwali din il-Qorti osservat illi hemm zewg sentenzi fl-atti u cioe' dik miktuba mill-gudikant di proprio pugno u imbaghad dik dattilografata ukoll iffirmata mill-gudikant. Bejn dawn iz-zewg sentenzi hemm diskrepanza fis-sens*

[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-25 ta' Lulju 1994

[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-14 ta' Gunju, 2017 (Appell Nru: 162/2016

*illi f'dik fejn hemm n-notamenti tal- gudikant fuq il-komparixxi l-Qorti illiberat lill-appellat mill-Ewwel, it-tieni, it- tielet, ir-raba u is-sitt akkuzi u sabet htija ghall hames imputazzjoni fejn l-appellat kien qed jigi akkuzat li ghamel uzu minn pjanci "Trial Run" u li kiser il-kundizzjonijiet li hemm imposti fuqhom, meta dawn gew uzati fi Hdud u festi pubblici minghajr il-permess ta'l-Awtorita', meta imbaghad fis- sentenza dattilografata l-appellat gie illiberat mill-Ewwel, it-tieni, it-tielet, il- hames u is-sitt akkuza u instabet htija ghar-raba imputazzjoni u cioe' illi ghamel uzu minn vettura bil-mutur minghajr marka ta' registrazzjoni mahruga mill-Awtorita ghat-Trasport f'Malta. B'hekk fl-atti hemm zewg sentenzi fejn id-decide huwa differenti u di piu, kif gustament jilmenta l- Avukat Generali l-Ewwel Qorti naqqset milli tindika dik id-disposizzjoni tal- ligi li dwarha kienet qed tinstab htija biex b'hekk huwa iktar difficli ghal din il-Qorti tara liema minn dawn iz-zewg sentenzi hija dik li effettivament giet ippronunzjata mill-Ewwel Qorti.*

*Issa l-Artikolu 377 jghid illi meta jingħalaq is-smigħ tal-kawża, il-qorti, dak in-nhar stess, jekk jista' jkun, tagħti s-sentenza, billi tillibera jew tikkundanna l-imputat. L-Artikolu 382 tal-Kodici Kriminali imbaghad jindika dak li ghandu ikun fiha is-sentenza ad validitatem meta jinghad: "Il-Qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il- fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-Artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r- reat."*

*Illi ghalkemm din id-disposizzjoni tal-ligi ma tinnecessitax illi s-sentenza tinkiteb mill-Magistrat jew inkella li din tkun wahda motivata, izda l-qorti ghandha issegwi dak stipulat fil-ligi ad validitatem. Illi r-ratio legis wara l- Artikolu 382 huwa illi s-sentenza tkun cara fis-sens illi kemm il-persuna akkuzata kif ukoll kull min huwa parti fid-decizjoni jifhmu x'kienu dawk il- fatti li dwarhom l-persuna akkuzata tkun qed tigi misjuba hatja, taghti l- piena ghal dawk il-fatti li qed jistabilixxu ir-reita' u jissemmew id- disposizzjonijiet tal-ligi li dwarhom qed tinstab il-htija. Issa ma hemmx dubbju illi l-vot tal-ligi ma huwiex sodisfatt fid-decizjoni impunjata u ghalhekk l-Qorti ma tistax hlief tghaddi biex tiddikjara is-sentenza impunjata nulla u bla effett skont il-ligi u bis-setgha moghtija lilha bl- Artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali u, wara li semghet il-*

*provi mill-gdid u rat l-affidavits esebieti, ser tghaddi biex terga' tiddeciedi l-kawza fil-mertu.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Joseph Mercieca Vs Daniel Farrugia'** [7]gie kkunsidrat li:

*'Illi din id-decizjoni hija wahda limitata ghal din l-pregudizzjali sollevata mill-appellanti. Illi minn ezami ta'l-atti processwali jirrizulta illi fil-fatt hemm tlett sentenzi iffirmati mill-gudikant. L-Ewwel wahda hija dik miktuba mill-gudikant di proprio pugno fuq il-komparixxi fejn hemm irregistrat biss id-decizjoni tal-Ewwel Qorti:*

*"1. Astensjoni; Hati 2. tmintax-il xahar prigunerija sospizi ghal 3 snin. Art.28A Kap 9..*

*Tordna hlas ta' spejjez per."*

*Dan ghalkemm il-kawza ma kenitx wahda sommarja u cioe' ta' kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati. Fil-fatt jidher illi ghalkemm il-kawza inbdiet quddiem l-Ewwel Qorti fil-vesti taghha bhala qorti istruttorja, gara illi b'nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali tad-29 ta' Mejju 2012 ai termini ta'l-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali, l-atti gew mibghuta lill-Qorti tal-Magistrati sabiex il-kawza tigi deciza minnha u dan wara in-nuqqas ta' opposizzjoni minn naha tal-imputat ghaldaqstant. Illi allura fis-seduta tal-14 ta' Gunju 2012 l-Ewwel Qorti ikkonvertiet ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali u dana wara li l-imputat wera in-nuqqas ta' oggezzjoni tieghu sabiex il-kaz jigi trattat u deciz bil- procedura sommarja. Jidher illi fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2014 wara li instemghu l-provi tad-difiza il-Qorti ghaddiet ghas-sentenza li giet miktuba mill-Magistrat kif indikat ktar 'il fuq. Illi fl-atti, izda giet inserita sentenza ohra dattilografata bl-istess data u bl-istess decide, liema sentenza hija wahda motivata u iffirmata ukoll mill-gudikant. Gara izda illi ar-rikors ta'l-appell tieghu, l-appellanti ipprezenta kopja tas-sentenza li giet moghtija lilu mid-Deputat Registratur ta'l-awla u dan sabiex hu ikun jista ihejji l-appell tieghu. Din it-tielet sentenza, li hija dattilografata, ghalkemm ukoll fiha l-istess decizjoni u iggib l-*

[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Mejju, 2016 (Appell Nru: 467/2014

*istess data, madanakollu hija nieqsa mill-motivazzjonijiet u hija ukoll iffirmata mill-gudikant. L-ebda wahda mis-sentenzi ma iggib il-firma tad-Deputat Registratur.*

*Illi allura billi l-appellanti gie a konjizzjoni ta' dan l-istat ta' fatt li hareg mill-atti processwali biss wara li kien beda jinstema dan l-appell, huwa iressaq aggravvju gdid fejn jissolleva n-nullita tad-decizjoni impunjata billi jishaq illi fl-atti hemm tlett sentenzi kollha iffirmati mill-gudikant li huma differenti minn xulxin. Jilmenta ukoll mill-fatt illi ghalkemm huwa ipprova jikseb kopja tas-sentenza mill-Ewwel Qorti sabiex ikun f'posizzjoni ihejji l-appell tieghu, huwa inghata kopja fl-ahhar hin, liema kopja ma kenitx wahda li fiha il-motivazzjonijiet li jidhru f' wahda mis-sentenzi li hemm fl-atti.*

*Issa l-Artikolu 377 jghid illi meta jingħalaq is-smigħ tal-kawża, il-qorti, dak in-nhar stess, jekk jista' jkun, tagħti s-sentenza, billi tillibera jew tikkundanna l-imputat. L-Artikolu 382 tal-Kodici Kriminali imbaghad jindika dak li ghandu ikun fiha is-sentenza ad validitatem meta jinghad:*

*"Il-Qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-Artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat."*

Din id-disposizzjoni tal-ligi allura ma tinnecessitax illi s-sentenza tinkiteb mill-Magistrat jew inkella li din tkun wahda motivata. Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali **<u>l-Pulizija vs Albert Bezzina</u>** [8]intqal :

*"il-Qorti tosserva illi la l-Artikolu 377(1) u lanqas l-Artikolu 382 ma jirrikjedu li s-sentenza tinkiteb mill-Magistrat; dak li trid il-ligi hu dak li jghid il-Magistrat meta jaghti s-sentenza jigi registrat u riprodott fil-kopja tas-sentenza. Dak illi hemm fuq il-komparixxi huma l-appunti tal-Magistrat, mhux is-sentenza. ........."*

[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-25 ta' Lulju 1994

Illi f'dan il-kaz din l-Onorabbli Qorti hija rinfaccjata b'zewg sentenzi moghtija mill-istess Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-istess ismijeit ufl-istess jum pero id-decide huwa differenti minn xulxin.

Maghdud dan madanakollu ir-*ratio legis* wara l-Artikolu 382 huwa illi s-sentenza tkun cara fis-sens illi kemm il-persuna akkuzata kif ukoll kull min huwa parti fid-decizjoni jifhmu x'kienu dawk il-fatti li dwarhom l-persuna akkuzata tkun qed tigi misjuba hatja, taghti l-piena ghal dawk il-fatti li qed jistabilixxu ir-reita' u jissemmew id-disposizzjonijiet tal-ligi li dwarhom qed tinstab il-htija. Issa ma hemmx dubbju illi id-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti hija cara fis-sens illi sabitu hati tal-akkuzi kollha salv it-tieni akkuza pero ilwqt li fis-entenzamoghtija fil-verbal hemm libeazzzjou mit-tieni akkuza fis-entenza dattilografata ma hemmx referenza gaht-tieni akkuza u ghalhekk la gie misjub hati taghha u lanqas ma gie liberat minnha.

Illi huwa minnu ukoll dak li jilmenta dwaru l-appellanti illi huwa kellu kull dritt jinghata il-kopja tas-sentenza li kellha tifforma parti mill-atti u mhux wahda differenti minn dik dattilografata biex huwa ikun jista' jinqeda biha ghal fini biex ihejji l-appell.

Ikkunsidrat;

Illi l-Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jistabilixxi dak li sentenza ghandu jkun fiha, huwa intiz sabiex ikun hemm kjarita ta' dak li l-imputat ikun qieghed jinstab hati ossia li jitnizzlu l-fatti, l-artikoli tal-ligi ta' xiex qieghed jinstab hati u l-piena'. F'dan il-kaz partikolari, minkejja li jirrizulta li dik dattilagrafata tosserva dawn ir-rekwiziti, dak imnizzel fuq il-verbal hija differenti  stante li ma taghmel l-ebda refernza ghat-tieni akkuza

Ghalhekk din il-Qorti ma tistax hlief li tikkunsidra li z-zewg sentenzi in atti m'humiex l-istess u li d-differenza fiz-zewg sentenzi ossia dik dattilagrafata u dik imnizla fil-verbal tal-Qorti jpoggi lill-appellant f'posizzjoni t' incertezza ta' dak li huwa instab hati tieghu, ossia instabx hati tal-imputazzjonijiet kollha inkluz it-tieni akkuza jew jekk instabx hati tal-akkuzi kollha salv it-tieni akkuza minn liema akkuza kellu jigi liberat. Dak li l-Qorti taqra fl-awla ghandu jkun dak li attwalment jitnizzel fid-decizjoni taghha li f'dan il-kaz mhux hekk sehh.

Kwalunke divergenzi fil-htija jew fil-pieni minn dak li jinqara fl-awla u jitnizzel fis-sentenza dattilografata imur kontra l-hsieb wara l-Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. In vista' ta' dan, din il-Qorti sejra tannulla s-sentenza appellata u sejra tirrinvija l-atti quddiem l-Ewwel Qorti sabiex jigi deciz l-mertu mill-gdid.

Ghal dawn il-mottivi, din il-Qorti qieghda tghaddi ghalhekk biex tannulla s-sentenza appellata u sabiex ma tnehhix id-dritt ta' doppio ezami tal-appellant sejra tibghat l-atti mill-gdid quddiem l-Ewwel Qorti sabiex il-kaz jigi deciz mill-gdid.

Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

Vera kopja

Adrian Micallef

Dep. Reg.